# IL-MUNTANJA NEBO

Wieħed mill-egħġubijiet kbar li Alla għamel mal-poplu tiegħu fid-deżert tas-Sinaj kien dak li ġiegħel lil Mosè jħabbat bil-għasluġ fuq il-ġebla samma u minnha ħareġ gelgul ta' ilma li xabba mhux biss lill-ġemgħa imma wkoll l-annimali tagħha. Imma Alla ma kienx kuntent bl-imġiba ta' Mosè u Aaron. Wara t-twettiq ta' dak il-miraklu Alla qal lil Mosè: "Talli ma emmintunix u nqastu li turu qdusiti quddiem ulied Iżrael mhux intom se ddaħħluha din il-miġemgħa fl-art li naghtihom" — (Num. XX, 12).

F'kitba li tajnikom fil-ħarġa ta' Ottubru-Diċembru (Ara "Leħen l Art Imqaddsa", IV, 1969, p. 98-101), aħna għedna li Mosè tala' fuq l-għolja Nebo sal-quċċata ta' Fasga, u minn hemm ra u tpaxxa bl-art imwegħda. Mosè baqa' sa laħħar jittama fil-maħfra ta' Alla, u talab kemm-il darba 'l Alla biex iħallih jidħol fl-art imwegħda tal-Palestina. Naqraw fil-ktieb tad-Dewteronomju, kap. III, 25, li Mosè ried jgħaddi x-xmara Ġurdan u jara l-art tassew tajba ta' 'l hemm mix-xmara, u l-igbla tal-Libanu. Imma Alla ħadha bl-aħrax ma' Mosè u ma laqax it-talba tiegħu u qallu: "Iskot; la tkellimnix aktar fuq din il-ħaġa. Itla' fuq il-quċċata ta' Fasga, erfa' għajnejk lejn il-punent u lejn it-tramuntana, lejn nofsinhar u lejn il-lvant; tgħaxxaq ukoll b'dak li tara; għax ma taqsamx dan il-Ġurdan. Agħti l-kmand lil Ġożwe (Dewt., 3, 27).

Kif sama' dan il-kmand, Mosè ġabar il-poplu ta' Iżrael, wissih sa biex joqgħod dejjem għal-liġi, tarraflu l-istorja ta' kemm Alla waqaf miegħu, bierku bħalma darba Ġakobb bierek it-tnax-il tribù, u marbut mar-rieda ta' Alla mix-xagħri ta' Moab, tala' l-għolja Nebo, quċċata ta' Fasga li tiġi biswit Ġeriku, u miet hemm fuq. Il-fdal tiegħu ġie midfun "fil-wied li jiġi biswit Rat-Fejn".



Il-Mosè ta' Michelangelo.

* * *

Min kellu x-xorti jitla' xi darba fuq l-għolja Nebo, jaf xi tfisser din il-għolja f'dik li hi sbuħija. Hija tieqa fuq l-art tal-Palestina, li minnha jidher xenarju li żgur wieħed ma jasalx ipinġi. Ħalli ngħidu xi tgħid l-Iskrittura Mqaddsa: "U l-Mulej urieh (lil Mosè) l-art kollha: Galgħad a Dan, Naftali kollu, l-art ta' Efrajim u Manasse, l-art kollha ta' Ġuda sal-baħar tal-punent, in-Negeb, u l-firxa kollha mill-wita ta' Ġeriku, belt is-siġar tal-palm, sa Sogħar" (Dewt. 34, 1-3).

Iżrael kellu jiġġieled it-triq kollha qabel ma jidħol fl-art imwegħda. L-aħħar waqtiet ta' din it-taqbida fl-art ta' Moab u ta' Ammon jiġu mħażża fl-Iskrittura Mqaddsa hekk: "Minn Bamot sal-wied li jiġi f'riġlejn il-għolja ta' Moab; hemm jaħkem il-Fasga, li jħares fuq ix-xagħri." Naħa oħra jingħad: "Fuq l-iġbla Abarim quddiem in-Nebo" (Num. 21, 20 u 33, 4), Padrun tat-Transġordanja, mill-Arnon sal-Hermon, Iżrael tefa' t-tined tiegħu fix-xagħri ta' Moab, in-naħa tal-lvant tal-Baħar il-Mejjet, bejn il-Ġurdan u l-għolja Fasga.



**Ix-xmara fejn instab Mosè**

Billi Balak, re ta' Moab, ma setax iwaqqaf il-mixja rebbieħa ta' Iżrael, stieden lill-magħruf saħħar Balaam biex minn fuq il-għoljiet jisħet lill-eżerċti ta' Iżrael. Imma ġara bil-maqlub. Minn fomm Ba-

laam flok sahta hargu kliem ta' tifhir (Ara Num. 22, 25).

Balaam tala' fuq tliet gholjiet differenti: Baal - Bamot, Fegor u Fasga. Billi l-ewwel żewġ gholjiet kienu dedikati lil żewġ allat foloz differenti, ghandna nifhmu li wkoll il-Fasga kien ikkonsagrat lil xi alla falz: Nabu jew Nebo, li kien l-alla falz tat-traffiku ghall-Babiloniżi.

* * *

Mela fl-istorja mqaddsa, l-isem *Nebo* huwa moghti lill-quċċata talġebel *Fasġa* li taghmel sehem millmuntanji Abarim fin-naha tal-lvant tal-Ġurdan. Minn fuq din il-quċċata Mosè ra dik id-dehra sabiha li ried jurih Alla qabel ma miet.

Iċ-ċelebri pellegrina Eterja, li ghexet fir-raba' seklu, hallitilna bilmiktub deskrizzjoni ta' dak kollu li rat matul iż-żjara taghha fil-Palestina. Hija tghidilna li telqet minn Ġerusalemm ma' kotra kbira ta' qassisin u patrijiet, niżlet Ġeriku, qasmet il-Ġurdan, marret fil-Livja (illum Tell-er-Ram), fejn kellha bhala gwida lill-patrijiet li kienu jghixu f'dawk l-inhawi, u maghhom ghexet it-tifkiriet tal-waqfa ta' wlied Iżrael fix-xaghri ta' Moab. Aktar tard marret iżżur il-post fejn Mosè ghamel il-miraklu ta' l-ilmijiet u wara telghet hija wkoll il-quċċata tan-Nebo, fejn rat hi wkoll dak li kellu x-xorti jara Mosè qabel ma miet.

Ukoll illum fuq il-quċċata tan-Nebo (illum maghrufa bhala Ras Siaga) ghadhom jidhru l-fdal ta' bini li fuqu kitbet Eterja: knisja bi tliet navati b'kolonni u kapitelli nofshom midfuna.

Pietru Iberico (430) ighidilna kif inbniet dik il-knisja. Jum fost l-ohrajn wiehed raghaj żaghżugh minn rahal li jiġi fil-qrib, Kirbet el Mharġiet, dahal f'ghar tal-gholja Ras Siaga u lemah xih mixhut fuq sodda. Meta reġa' lura fir-rahal u tenna l-istorja tieghu, in-nies malajr qatghuha li dak ix-xih kien Mosè, u ghalhekk bnew knisja f'ġiehu.

Matul iż-żminijiet din il-knisja ġiet mitluqa u saret herba. Dawn il-fdalijiet, flimkien man-Nebo, waqghu issa f'idejn il-missjoni tat-Terra Santa li fl-10 ta' Ottubru 1932 xtratha minn ghand l-Gharab biex hemm taghmel dak it-tfittix arkeoloġiku li din il-missjoni ghamlet f'nahat ohra tal-Palestina.

MIKIEL.

## ĠAHAN IPATTIHIELU

Mit-tielet pjan tal-kamra tieghu fejn kien qed jistrieh, Ġahan sema' wiehed jghajjatlu bis-shih. Xefaq f'hoġor it-tieqa u staqsa lil min kien qieghed isejjahlu: "Xi trid?" Dak beda jaghmillu s-sinjal biex jinżel ghax kellu xi haġa importanti x'jghidlu. Bis-sewwa u bid-dnewwa Ġahan niżel sa hdejh u kbir kien il-ghaġeb tieghu meta sema' lil dak ir-raġel jghidlu biex itih xi haġa ghax kien fil-bżonn. Ġahan ma hadiex bi kbira, imma stieden lil dak il-fqir biex jitla' mieghu sa kamartu. Kif wasal, dar fuq dak ir-raġel u qallu: "Jiddispjaċini hafna ghax m'ghandix x'intik". Dak miblugh u mahruġ barra minnu nnifsu qal lil Ġahan: "Mela ghalfejn tellajtni dan ittaraġ kollu". Ġahan wieġbu: "Biex inpattilek talli niżżilt lili minn hawn fuq".